Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 560/2005

tat-12 ta' April 2005

li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Kosta ta' l-Avorju

(ĠU L 159M, 13.6.2006, p. 347)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2006 tat-13 ta' Frar 2006	L 327M	566	5.12.2008
►M2	Commission Regulation (EC) No 869/2006 of 14 June 2006 (*)	L 163	8	15.6.2006
►M3	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1240/2008 ta' l-10 ta' Diċembru 2008	L 334	60	12.12.2008
►M5	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011 tal-14 ta' Jannar 2011	L 11	1	15.1.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 85/2011 tal-31 ta' Jannar 2011	L 28	32	2.2.2011
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 330/2011 tas-6 ta' April 2011	L 93	10	7.4.2011
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 348/2011 tat-8 ta' April 2011	L 97	1	12.4.2011
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 419/2011 tad-29 ta' April 2011	L 111	1	30.4.2011
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 623/2011 tas-27 ta' Ġunju 2011	L 168	2	28.6.2011
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 949/2011 tat-22 ta' Settembru 2011	L 247	1	24.9.2011
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 113/2012 tal-10 ta' Frar 2012	L 38	1	11.2.2012
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 193/2012 tat-8 ta' Marzu 2012	L 71	5	9.3.2012
►M14	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 479/2014 tat-12 ta' Mejju 2014	L 138	3	13.5.2014
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/109 tas-26 ta' Jannar 2015	L 20	4	27.1.2015

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 560/2005

tat-12 ta' April 2005

li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Kosta ta' l-Avorju

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60, 301 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/852/PESK tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar miżuri restrittivi kontra l-Kosta ta' l-Avorju ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-15 ta' Novembru 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li aġixxa taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u kkundanna l-bidu mill-ġdid ta' ostilitajiet fil-Kosta ta' l-Avorju u l-vjolazzjonijiet ripetuti tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tat-3 ta' Mejju 2003, iddeċieda li jimponi ċerti miżuri restrittivi kontra l-Kosta ta' l-Avorju.

(2) Il-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK tipprovdi għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet kompetenti tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkostitwixxu theddida għall-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali fil-Kosta ta' l-Avorju, partikolarment dawk li jibblokkaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim Linas-Marcoussis u tal-Ftehim Accra III, ta' kull persuna oħra misjuba responsabbli, abbażi ta' informazzjoni pertinenti, ta' vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Kosta ta' l-Avorju, ta' kull persuna oħra li pubblikament tinċita l-mibegħda u l-vjolenza, u ta' kull persuna oħra misjuba mill-Kumitat li qiegħda tikser l-embargo kontra l-armi mpost ukoll mir-Riżoluzzjoni 1572 (2004).

(3) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni, hija meħtieġa liġi Komunitarja sabiex timplimenthom sa fejn hija kkonċernata l-Komunità. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità huwa meqjus li jikkonsisti fit-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu,

([1]) ĠU L 368, 15.12.2004, p. 50.
([2]) Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Frar 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skond il-paragrafu 14 tar-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

2) "fondi" tfisser assi u benefiċċji finanzjarji ta' kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitatament:

   (a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts, money-orders* u strumenti oħra ta' ħlas;

   (b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew ma' entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, djun u obbligazzjonijiet ta' dejn;

   (ċ) titoli negozjabbli kemm pubblikament kif ukoll privatament u strumenti li joħolqu jew jirrikonoxxu debitu, inklużi *stock* u azzjonijiet, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, *bonds, notes, warrants, debentures* u drittijiet taħt kuntratti derivati;

   (d) imgħax, *dividends* jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;

   (e) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, *performance bonds* jew obbligi finanzjarji oħra;

   (f) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;

   (g) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

   (h) kwalunkwe strument ieħor ta' finanzjament għall-esportazzjoni;

3) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe ċaqliq, trasferiment, alterazzjoni, użu, aċċess, jew negozju fir-rigward ta' fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fin-natura, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'xi bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' *portfolio*;

4) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw għall-akkwist ta' fondi, beni jew servizzi;

5) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, beni jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux limitatament, bil-bejgħ tagħhom, bil-kiri tagħhom jew bil-kostituzzjoni fuqhom ta' drittijiet reali ta' garanzija.

▼M5

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha tal-persuni fiżiċi jew legali, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness IA, jew li huma proprjetà tagħhom, li huma miżmuma jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

▼M5

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, ta' persuni fiżiċi jew legali, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness IA.

3. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, li jiġu evitati l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu pprojbiti.

4. L-Anness I għandu jikkonsisti mill-persuni fiżiċi jew legali, l-entitajiet u l-korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Deċiżjoni 2010/656/PESK tal-Kunsill, kif emendata.

5. L-Anness IA għandu jikkonsisti mill-persuni fiżiċi jew legali, l-entitajiet u l-korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/656/PESK, kif emendata.

Artikolu 2a

1. L-Annessi I u IA għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni, entitajiet u korpi elenkati, kif previsti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fir-rigward tal-Anness I.

2. L-Annessi I u IA għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati, kif provduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-Anness I. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness I għandu jinkludi wkoll id-data ta' inklużjoni fil-lista mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati mis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba eskluživament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) intiżi eskluživament għall-ħlas ta' miżati jew kontijiet għal servizzi fil-pussess jew iż-żamma normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati.

▼M5

Jekk din l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuni, entitajiet jew korpi li ġew elenkati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bl-intenzjoni tagħhom li jawtorizzaw l-aċċess għal dawn il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi. Huma m'għandhomx jawtorizzaw tali aċċess jekk ikunu rċevew deċiżjoni negattiva min-naħa tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien jumejn ta' xogħol wara din in-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif identifikati mis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li jintgħamlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għal spejjeż straordinarji, u bil-kondizzjoni li l-Istati Membri jkunu nnotifikaw dik id-determinazzjoni lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li d-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat, taħt il-kondizzjonijiet maħsuba mill-paragrafu 14(e) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1572(2004).

3. B'deroga mill-Artikolu 2 u safejn huma kkonċernati persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness IA, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati mis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jintgħamlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, bir-raġunijiet li għalihom hu jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

▼M7

Artikolu 3a

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, fir-rigward tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness IA, ir-rilaxx ta' ċerti fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għal skopijiet umanitarji jsiru disponibbli, wara li tingħata notifika bil-quddiem lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni.

Artikolu 3b

B'deroga mill-Artikolu 2, u bil-kondizzjoni li pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IA jkun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li nħoloq għal, il-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat, qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp kienu ġew indikati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IA;

▼M7

(ii) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2);

L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anqas ġimgħatejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dik id-deċiżjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

▼M5

Artikolu 4

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati mis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma s-suġġett ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġew inklużi fl-Anness I, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jridu jintużaw esklużivament sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati b'dan ir-rahan jew irrikonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, fil-limiti ffissati bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) il-garanzija jew is-sentenza mhux għall-benefiċċju ta' persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness IA;

(d) ir-rikonoxximent li l-garanzija jew is-sentenza ma jmorrux kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; u

(e) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, l-Istati Membri jkunu nnotifikaw lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bil-garanzija jew s-sentenza.

▼B

Artikolu 5

L-awtorità kompetenti pertinenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4.

Artikolu 6

L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żjieda f'kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew li inħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru suġġetti għal dan ir-Regolament,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet bħal dawn ikunu ffriżati skond l-Artikolu 2(1).

▼M5

Artikolu 7

L-Artikolu 2(2) m'għandux iwaqqaf lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, sakemm kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti relevanti b'tali tranżazzjonijiet.

▼B

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtaġġ, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi, għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe tagħrif li jiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness II li fihom huma residenti jew jinsabu, u għandhom jittrasmettu tali informazzjoni, direttament jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni;

(b) jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni ulterjuri riċevuta mill-Kummissjoni direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni mogħtija jew riċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom ġiet mogħtija jew riċevuta.

Artikolu 9

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li fondi jew riżorsi ekonomiċi jintgħamlu disponibbli, imwettqa in bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni hija konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe xorta għall-persuna fiżika jew ġuridika jew għall-entità li timplimentaha, jew għad-diretturi jew impjegati tagħha, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati bħala riżultat ta' negliġenza.

▼M7

Artikolu 9a

Għandu jiġi pprojbit:

(a) ix-xiri, senserija jew assistenza fil-ħruġ ta' bonds jew titoli ta' sigurtà maħruġa jew iggarantiti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mill-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent GBAGBO, kif ukoll minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'ismu jew taħt l-awtorità tiegħu, jew minn entitajiet li huma l-proprjetà tiegħu jew ikkontrollati minnu. Bħala eċċezzjoni, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu awtorizzati jixtru dawk il-bonds jew titoli ta' sigurtà ta' valur korrispondenti għal bonds u titoli ta' sigurtà diġà fil-pussess tagħhom u li waslu biex jimmaturaw;

▼M7

(b) l-għoti ta' self, fi kwalunkwe forma, lill-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent GBAGBO, kif ukoll lil persuni jew entitajiet li jaġixxu f'ismu jew taħt l-awtorità tiegħu, jew lil entitajiet li huma l-proprjetà tiegħu jew ikkontrollati minnu.

Artikolu 9b

Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 9a ma għandhom jagħtu lok għal ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip minnaħa ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi kkonċernati jekk ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

▼B

Artikolu 10

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin immedjatament dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni pertinenti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom in konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' vjolazzjoni u nfurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

▼M5

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 11a

1. Meta l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness I.

2. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jemenda l-Anness IA kif meħtieġ.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp skont dawn.

5. Fil-każ li n-Nazzjonjiet Uniti tiddeċiedi li tneħħi persuna fiżika jew ġuridika, entità, jew korp mil-lista jew li temenda d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness I kif meħtieġ.

6. Il-lista fl-Anness IA għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.

▼B

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

▼M5

Artikolu 12a

Fejn hemm, f'dan ir-Regolament, obbligu li tiġi nnotifikata jew infurmata l-Kummissjoni, jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, fl-Unjoni.

▼B

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M4

L-ANNESS I

Lista ta' persuni jew entitajiet legali jew naturali msemmija fl-Artikoli 2, 4 u 7

(1) Charles **Blé Goudé** (alias Gbapé Zadi). Indirizz: Bloc P 170, Yopougon Selmer, Côte d'Ivoire, (b) Hotel Ivoire, Abidjan, Cocody, Côte d'Ivoire. Data tat-twelid: 1.1.1972. Post tat-twelid: (a) Guibéroua (Gagnoa), Côte d'Ivoire, (b) Niagbrahio/Guiberoua, Côte d'Ivoire, (c) Guiberoua, Côte d'Ivoire. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: (a) 04LE66241 (Côte d'Ivoire, maħruġ fl-10.11.2005, validu sad-9.11.2008), (b) AE/088 DH 12 (Passaport diplomatiku Côte d'Ivoire, maħruġ fl-20.12.2002, validu sal-11.12.2005), (c) 98LC39292 (Côte d'Ivoire, maħruġ fl-24.11.2000, validu sat-23.11.2003). In-Numru tad-dokument ta' vjaġġjar C2310421 (L-Iżvizzera, maħruġ fil-15.11.2005, validu sal-31.12.2005).

Informazzjoni oħra: (1) Indirizz (a) fl-2001, Indirizz (b) kif iddikjarat fid-dokument ta' vjaġġar Nru C2310421; (2)*isimijiet* jew titoli xort'oħra: "Général" jew "Génie de kpo"; (3) Mexxej tal-COJEP ("Young Patriots"). Għamel stqarrijiet pubbliċi spissi, favur il-vjolenza kontra persunal u istallazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; tmexxija u parteċipazzjoni f'azzjonijiet vjolenti minn gwerillieri, li jinkludu swat, stupri u qtil ekstra-ġudizzjarju; intimidazzjoni fil-konfront tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali (IWG), tal-oppożizzjoni politika u tal-istampa indipendenti. is-sabotaġġ ta' stazzjonijiet tar-radju internazzjonali; ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, l-Operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti f'Côte d'Ivoire, (UNOCI), għall-Forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005).

(2) Eugène N'goran Kouadio **Djué**. Data tat-twelid: (a) 1.1.1966, (b) 20.12.1969. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: 04LE017521 (maħruġ fl-10.2.2005, jiskadi fil-10.2.2008).

Informazzjoni oħra: Il-mexxej tal- "Union des Patriotes pour la Libération Totale de la Côte d'Ivoire (UPLTCI)". Għamel stqarrijiet pubbliċi spissi, favur il-vjolenza kontra persunal u istallazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; tmexxija u l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet vjolenti minn gwerillieri, li jinkludu swat, stupri u qtil ekstra-ġudizzjarju. ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, tal-UNOCI, tal-forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005)

(3) Martin Kouakou **Fofié**. Data tat-twelid: 1.1.1968. Post tat-twelid: . Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru. tal-karta tal-identità: (a) 2096927 (Burkina Faso, maħruġ fis-17.3.2005), (b) 970860100249 (Côte d'Ivoire, maħruġ fil-5.8.1997, jiskadi fil-5.8.2007).

Informazzjoni oħra: (a) Ċertifikat ta' Nazzjonalità Burkina Faso: CNB N.076 (17.2.2003), Isem tal-Missier: Yao Koffi **Fofié**, Isem tal-Omm: Ama Krouama **Kossonou**; (b) Kapural Prinċipali Kmandant tal-Forzi l-Ġodda, Korhogo Sector. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu huma impenjati f'reklutaġġ ta' suldati tfal, fil-ħtif tal-persuni, fl-impożizzjoni ta' xogħol forzat, fl-abbuż sesswali tan-nisa, f'arresti arbitrarji u fi qtil ekstra-ġudizzjarju, li lkoll imorru kontra l-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali; ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, tal-UNOCI, tal-forzi Franċiżi u għal proċess tal-paċi kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tan-NU 1643 (2005)

▼M7

(4) Laurent **GBAGBO.** Data tat-twelid: 31 ta' Mejju 1945. Post tat-twelid: Gagnoa, Côte d'Ivoire.

▼M7

Ex President tal-Côte d'Ivoire: ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, ċaħda tar-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali. Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010).

(5) Simone **GBAGBO.** Data tat-twelid: 20 ta' Ġunju 1949. Post tat-twelid: Moossou, Grand-Bassam, Côte d'Ivoire.

President tal-Grupp Parlamentari tal-Front Popolari Ivorjan (FPI): ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza. Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010).

▼M13

(6) Désiré **TAGRO**. Numru tal-passaport: PD – AE 065FH08. Data tat-twelid: 27 ta' Jannar 1959. Post tat-twelid: Issia, Côte d'Ivoire. Miet fit-12 ta' April 2011 f'Abidjan.

Segretarju-Ġenerali fl-hekk imsejħa "presidenza" tas-Sur GBAGBO: parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur GBAGBO, ostakolu għall-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, rifjut tar-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali, parteċipazzjoni f'ripressjonijiet vjolenti ta' movimenti popolari. Data tal-indikazzjoni min-NU: 30.3.2011 (Indikazzjoni mill-Unjoni Ewropea: 22.12.2010).

▼M7

(7) Pascal **AFFI N'GUESSAN.** Numru tal-passaport: PD-AE 09DD00013. Data tat-twelid: 1 ta' Jannar 1953. Post tat-twelid: Bouadriko, Côte d'Ivoire.

President tal-Front Popolari Ivorjan (FPI): ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza. Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010).

▼M16

_____

▼M13

ANNESS IA

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi mhux indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, imsemmija fl-Artikoli 2, 4 u 7

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
1.	Kadet Bertin	Mwieled fl-1957 f'Mama	Konsulent Speċjali dwar is-sigurtà, id-difiża u t-tagħmir militari ta' Laurent Gbagbo, ex Ministru tad-Difiża ta' Laurent Gbagbo. Neputi ta' Laurent Gbagbo. Eżiljat fil-Gana. Soġġett għal mandat ta' arrest internazzjonali. Involut attivament f'inċidenti ta' abbuż u ta' għejbien forzat, u fil-finanzjament u l-armament tal-milizzji u tal-"Patrijotti Żgħażagħ (COJEP)." Involut fil-finanzjament u t-traffikar ta' armi u fl-evitar tal-embargo. Kellu rapporti mill-qrib mal-milizzji tal-punent u kien il-punt ta' kuntatt f'isem Gbagbo ma' dawn il-gruppi. Involut fil-ħolqien tal-iskwadri tal-mewt imsejħin "Forza Lima". Matul l-eżilju tiegħu fil-Gana baqa' jagħmel pjanijiet għall-kisba mill-ġdid tal-poter bil-forza. Qed isejjaħ ukoll għall-ħelsien immedjat ta' Gbagbo. Minħabba r-riżorsi finanzjarji tiegħu, il-familjarità tiegħu mat-traffikanti illegali tal-armi u l-kuntatti kontinwi tiegħu mal-gruppi tal-milizzji li għadhom attivi partikolarment fil-Liberja, Kadet Bertin għadu ta' theddida reali ferm għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Côte d'Ivoire.

▼M15

———

▼M13

3.	Pasteur Gammi		Kap tal-milizzja "Moviment Ivorjan għal-Liberazzjoni tal-Punent" (MILOCI), stabbilita fl-2004. Bħala kap tal-MILOCI, milizzja favur Gbagbo, huwa kien involut f'ħafna massakri u atti ta' brutalità. Ħarab lejn il-Gana (probabbilment qiegħed Takoradi). Taħt mandat ta' arrest internazzjonali. Mill-eżilju tiegħu "l hawn, huwa ngħaqad mal-Koalizzjoni Internazzjonali għal-Liberazzjoni tal- Côte d'Ivoire (CILCI) li tħeġġeġ l-użu tar-reżistenza armata biex Gbagbo jerġa" jkun fil-poter.

▼M15

4.	Marcel Gossio	Imwieled fit-18 ta' Frar 1951 f'Adjamé	Taħt mandat ta' arrest internazzjonali. Involut fil-miżapproprjazzjoni tal-fondi pubbliċi u fil-finanzjament u l-armament tal-milizzja.

▼**M15**

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
		Numru tal-passaport: 08AA14345 (huwa maħsub li skada fis-6 ta' Ottubru 2013)	Strumentali għall-finanzjament tal-klann Gbagbo u l-milizzja tiegħu. Huwa anke persunaġġ ċentrali fit-traffikar illegali ta' armi. Minħabba l-fondi sostanzjali li kiseb illegalment, u l-familjarità tiegħu man-netwerks illegali ta' armi, huwa baqa' theddida kontinwa għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Côte d'Ivoire.

▼**M13**

5.	►**M15** Justin Koné Katinan ◄		Maħrub fil-Gana. Taħt mandat ta' arrest internazzjonali. Involut fis-serqa armata tal-Bank Ċentrali tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (BCEAO). Mill-post ta' eżilju tiegħu, għadu jqis lilu nnifsu bħala l-kelliem ta' Gbagbo. Fi stqarrija għall-istampa tat-12.12.2011, huwa saħaq li Ouattara qatt ma rebaħ l-elezzjonijiet u jqis ir-reġim ġdid bħala illeġittimu. Jappella għar-reżistenza, filwaqt li jqis li Gbagbo ser jieħu lura l-poter.
6.	Ahoua Don Mello	Mwieled fit-23 ta' Ġunju 1958 f'Bongouanou Numru tal-passaport: PD-AE/044GN02 (li jiskadi fit-23 ta' Frar 2013)	Kelliem ta' Laurent Gbagbo. Ex Ministru tal-Infrastruttura u Sanità fil-gvern illeġittimu. Eżiljat fil-Gana. Taħt mandat ta' arrest internazzjonali. Mill-post ta' eżilju tiegħu, huwa baqa' jiddikjara li l-elezzjoni tal-President Ouattara hija frawdolenti u ma jirrikonoxxix l-awtorità tiegħu. Huwa rrifjuta li jwieġeb għall-appell tal-Gvern Ivorjan għar-rikonċiljazzjoni u jappella regolarment għall-insurrezzjoni fl-istampa, idur il-kampjijiet tar-refuġjati fil-Gana biex iħeġġeġ il-"mobilizzazzjoni". F'Diċembru 2011, huwa ddikjara li l-Côte d'Ivoire huwa "stat tribali taħt assedju" u li "r-reġim ta' Ouattara" ser "jintemm".
7.	Moussa Touré Zéguen	Mwieled fid-9 ta' Settembru 1944 Passaport qadim: AE/46CR05	Kap tar-Raggruppament tal-Patrijotti għall-Paċi (GPP) Fundatur tal-"Koalizzjoni Internazzjonali għal-Liberazzjoni tal-Côte d'Ivoire" (CILCI) Sar kap ta' milizzja fl-2002 u ilu jmexxi l-GPP mill-2003. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-GPP sar l-id armata ta' Gbagbo f'Abidjan u fin-nofsinhar tal-pajjiż. Mal-GPP huwa sar responsabbli ta' bosta atti ta' vjolenza, immirati prinċipalment lejn il-popli oriġinarji mit-tramuntana u dawk li jopponu r-reġim. Involut personalment fi vjolenza postelettorali (partikolarment fil-kwartieri ta' Abobo u Adjamé). Waqt li kien eżiljat f'Accra, Touré Zéguen ħoloq il-"Koalizzjoni Internazzjonali għal-Liberazzjoni tal-Côte d'Ivoire", bil-għan li Gbagbo jerġa' jikseb il-poter.

▼**M13**

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
			Mill-post ta' eżilju tiegħu, huwa għamel bosta dikjarazzjonijiet provokatorji (pereżempju, il-konferenza stampa tad-9 ta' Diċembru 2011), filwaqt li baqa' jżomm pożizzjoni ta' kunflitt u ta' vendetta bl-armi. Huwa jqis li l-Côte d'Ivoire taħt Ouattara hija illeġittima u li ġiet "ikkolonizzata mill-ġdid" u għamel sejħa li "tistieden lill-Ivorjani biex ikeċċu lill-imposturi" (Jeune Afrique, Lulju 2011). Iżomm blogg li jsejjaħ għall-insurrezzjoni vjolenti talpoplu Ivorjan kontra Ouattara.

▼M5

ANNESS II

Siti web għall-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8, u indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternational Retsorden/Sanktioner/

ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

GREĊJA

http://www.mfa.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/Global+Issues/International+Sanctions/

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

▼M14

IL-KROAZJA

http://www.mvep.hr/sankcije

▼M5

ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

LITWANJA

http://www.urm.lt

LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

▼M5

PAJJIŻI BAXXI

http://www.minbuza.nl/sancties

AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

POLONJA

http://www.msz.gov.pl

PORTUGALL

http://www.min-nestrangeiros.pt

RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

SVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea jew komunikazzjoni oħra magħha:

European Commission
Foreign Policy Instruments Service
Unit FPIS.2
CHAR 12/106
B-1049 Bruxelles/Brussel
Belgium

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu
Tel.: (32 2) 295 55 85
Fax: (32 2) 299 08 73